# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtiġ.*

**37.** **15 ta' MEJJU 1909.** **L-EUUEL SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa u jiena nŭieġbu. In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll. Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn iħallsu, barra minn dan, il posta ucoll, Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sitt xhur b'xejn; min isieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc. ecc.**


# Il-Laneċ u It-Tram f'it-Tliet Ibliet.

Daŭc iż-żeŭġ barclori li chellhom igħaddu ġurì talli għamlu ħsara f'il-laneċ ta'l Port-il-Cbir ġeŭ m'il Avucat ta'l Curuna mibgħutin kuddiem il Magistrat Mifsud u ŭeħlu xahrejn ħabs cull ŭieħed. Jiddispjacini għalihom u għal familji tagħhom għaliex b'hecc ħallsuha kares bla ma ŭaslu imchien. Ir-rimedju li bih jistgħu jaslu u li bih ma jagħlux hu dan li sejjer infiħem jien u li jecc in-nies ta'l Cottonera iŭaħħlu f'rashom li jagħmluh jistgħu jokogħdu sguri li jintrefgħu ħafna m'il għacs cbir li jinsabu fih. Meta tmur iddur daŭra f'daŭc il bliet li dari chien nieżel fihom għelgul ta' deheb, illum tħoss kalbec tintgħafas sħiħ għaliex ma tismax ħlief min jocrob u jgħemgħem u il mandati u l-isgumbramenti nieżlin hemm bħa'x-xita.

Il ħtija il cbira ta' dana il għacs icreħ li ŭaka fuk daŭn it-Tliet Ibliet huma bla dubju ta' xejn il Laneċ u it-Tram u sa chemm daŭna jibkgħu hemm in-nies ta'l Cottonera ma jieħdu katt ir-ruħ.

Nibdeŭ m'il barclori. Minn daŭna chien hemm igħixu ma'l elf u ħames mija li illum ma humiex jakilgħu il ħobż u żejt li jieclu. Daŭna jecc dari chienu jakilgħu xelin cull ŭieħed, cull jum, minn ras għal ras, chienu jiġbru b'collox m'at-tmienin lira cull jum. U daŭna il flus fejn chienu jmorru ? Ġo but in-nies ta't-Tliet Ibliet li chienu ħarġuhom; għaliex il barclor meta chien jieħu xelin id-dar il mara malajr chienet tonfku għal ħajja, u anche meta chien jiscru imbit chien iħallih f'daŭc l-Ibliet ucoll. L-agħda chien jiġri l-istess: in-nies ta'l Cottonera chienu ma'l ġurnata jitfgħu ġo'l but ta'l barclori dakka ta' tmienin lira u daŭna f'il għaxija chienu jerġgħu jitfgħuhomlhom ġo buthom billi jonfkuhom għandhom. F'chelma ŭaħda il capital ta'n-nies ta't-Tliet Ibliet chien dejjem jibka jdur hemm bla ma jgħasfar għal band' oħra.

Iżda illum, mindu hemm il-Laneċ u it-Tram x'inhu jiġri?

Daŭc it-tmienin lira li kabel chienu jmorru f'but il barclori illum ħamsin jeŭ sittin minnhom kiegħdin imorru f'but il proprietarji ta'l Laneċ u ta't-Tram u daŭna f'il għaxija ma jmorrux jonfkuhom f'it-Tliet Ibliet iżda jonfkuhom il Belt jeŭ jibgħatuhom l-Inghilterra B'hecc x'inhu jiġri? Li m'il Cottonera kiegħed joħroġ capital ta' actar minn għoxrin elf lira f'is-sena biex imur band'oħra u għalhecc f'it-tliet snin li ilhom il-laneċ ġa il capital ta't-Tliet Ibliet nakas b'ħamsin elf lira m'il ankas imħabba f'il-Laneċ.

Iżda dana għad ma hu xejn.

Meta ma chienx hemm il cumdità ta'l-Laneċ ftit chienu jagħmlu il capriċċ li jonfku *sixpence* biex imorru u jiġu il Belt; u għalhecc chienu ikattgħu is-serata f'il Cottonera u hemm chienu jmorru iċ-cinematografu, hemm chienu jieħdu xi grog, hemm chienu jagħmlu xi cena, u b'hecc chienu jibkgħu f'it-Tliet Ibliet il flus ta'l capriċċi ucoll. Iżda illum tbiddel collox għaliex meta ŭieħed jaf li b'sold imur il Belt u jigi jitħajjar, imur ikatta siegħa żmien fi Strada Rjali, jidħol iċ-cinematografu, jieħu grog ma'l ħbieb, jagħmel xi cena jeŭ jidħol għal pastizzi; chif icun hemm ikaxxar il leħja u minn għand il barbier stess jixtri cappel, kmis jeŭ ingravata u b'hecc ix-xelin li jcollu f'butu f'loc li jħallih f'it-Tliet Ibliet jonfku il Belt u b'hecc m'il capital ta'l Cottonera naksu għallankas minn mindu hemm il Laneċ u it-Tram xi ħamsin elf lira oħra. U daŭn huma ġa mitt elf lira. Iżda għad baka.

Il cumdità u ir-roħs ta'l Laneċ u ta't-Tram giegħel lil puliti li jmorru u jiġu actar il Belt u b'hecc il ħŭejjeġ, xi

**Abbiamo or ora esaminato il cadavere di Antonio Azzopardi il quale è stato in nostra presenza deposto dal patibolo ed abbiamo osservato che la faccia, le orecchia, le labbra sono cianotiche, gli occhi sono semiaperti, la lingua protrude tra le arcate dentarie e dalla bocca e' uscita della mucosita' spumosa; il collo presenta un solco largo circa un pollice, profondo circa due linee, a fondo bluastro, che si estende gradatamente fino alla parte posteriore e dalla sua parte media sotto il mento al di sopra della cartillagine tiroide; la laringe e' fratturata e l'epistrofeo dev'essere egualmente fratturato e lussato dall' atlante perche' la testa e' abnormalmente mobile in tutti i sensi.**

**Questi segni indicano che il detto Antonio Azzopardi e' realmente morto e la sua morte e' dovuta ad asfissia per strangolamento per compressione del midollo allungato.**

**Dr: G. Caruana-Scicluna.**
**Dr: G. C. Baldacchino.**
**Dr: Ele. Said.**
**Ambrogio Mercieca,** *Magistrato.*

★

Għalija kiegħed jidher bħala difensur il Contin u Avucat Alfredo Caruana-Gatto u għa't-Tabib Agius l-Avucat Onor: Arturu Mercieca. Il Magistrat hu G. B. Mifsud L.L.D., u ta' Prosecutur kiegħed jagħmilha is-Supraintendent ta'l Pulizija stess, is-sur Tancredi Curmi M.V.O.,C.C.P.

## FRAĠ.

F'il "Malta Herald" krajt l-ittra sabiħa ħafna li chiteb bl-ingliż iż-żagħżuħ intelligenti Ġorġ Borġ P.L. u li bagħat l'ir-Re meta chien ħawn Malta fejn talbu li jatina Costituzzjoni aħjar minn dic li għandna u fehmu ir-raġunijiet għala tistħokkilna. Dana il patriott ħakku cull tifħir talli kiegħed iħabrec ħafna għal gid ta' pajjisu.

★

Smajt li il barbiera ta'n-Naħħa l-Oħra kiegħdin jiftiehmu biex ma jaħdmux il Ħadd ŭara nofs inhar. Ħaġa seŭŭa u xierka ħafna għaliex dac hu il jum ta'l Mulej u għandu jitkaddes, u barra minn dan nofs ta' nhar mistrieħ f'il gimgħa jagħmel ħafna gid għas-saħħa. Nitma li jiftiehmu.

★

Krajt f'il ġurnali li fl-"ESPERANTISTA KLUBO" ta' Ta's-Sliema beda Cors, b'xejn, ta'l ESPERANTO. u ħadt pjaċir bla tarf; ŭaħda għaliex billi il Grupp ta' hemm ħloktu jien u l-aħjar membri li fih għallimthom jien cull ma jsir ingħoddu bħalha ħaġa gejja minni; u it-tieni għaliex meta ŭieħed jistudja l-Esperanto il kadim biex jintebaħ bl-isbalji li fih u jgħaddi għal l-Esperanto Riformat (Ido) hi ħaġa żgħira ħafna. Jalla mela għal dana il Cors imorru ħafna allievi u jalla tarġa titkankal ftit xi xrara għal lingŭa internazzjonali minn daŭc li cont chebbist meta ħabrict għaliha jien.

★

Nifraħ b'kalbi collha l'is-Sur Tancred Curmi M.V.O. Supraintendent ta'l Pulizija; l'is-Sur Biancardi, Ajutant ta'd-Duke of Connaught u li Barnni Von Tucher ta'l unur li għamillhom l-Imperatur ta'l Germanja billi ħatarhom Cavalieri ta'l Curuna ta'l Prussja.

★

Is-Sur Cicc Azzopardi P.L. sgura lili stess u l-Avucat Mizzi kal kuddiem ħatna persuni rispettabbili li f'il ħabta li tkanklet il qŭestioni jecc xi affarijiet chellhomx jiġu trattati *comeralment* (privat) ma'l Avucat ta'l Curuna jeŭ le, f'il *Malta Tagħna*" chien deher discors sħiħ fejn kalet li dac id-discors chien għamlu is-Sur Cicc Azzopardi f'il Cunsill f'il ŭakt li is-Sur Cicc dac id-discors MA GHAMLU KATT. Nitma li il "*Malta Tagħna*" tagħmel xi daŭl fuk dina il biċċa għaliex jecc inhi minnha tagħmel għajb cbir lil ġurnalismu billi ma hix irġulija li ŭieħed jakla minn żniedu biex igħacces lil daŭc l-egħdeŭŭa politici tiegħu li ftit kabel chienu giegħluh jagħmel figura cherha f'ħaġ'oħra.

★

Nhar il Ħadd li gej il Banda "La Vallette" sejra iddokk programm sabiħ fl-Argotti biex tfaccar l-eŭŭel anniversarju ta'l Concors Musicali ta' Bona fejn chienet ħadet xi premji. Il kliegħ imur għa's-"*Società di Mutuo Soccorso*" ta'l istess Banda, u il ġnien ta'l Argotti jcun għal l-eŭŭel darba mixgħul b'id-daŭl elettricu. Sejra iddokk ucoll il Banda ta'l Isla. Nitma li jmorru ħafna nies.

★

Ŭieħed m'iċ-Cinematografi ta'l Belt fejn meta tmur tieħu pjacir sgur hu il "CUMMERC" billi dejjem juru pellicoli m'il isbaħ u m'il actar ġodda. Għad li min imur hemm iħallas xi ħaġa żgħira iżjed iżda il post hu dejjem maħnuk b'innies, u l-actar puliti, u dana juri b'iċ-ċar li cull min jonfok flusu hemm joħroġ cuntent.

★

Il cuncert li sejra tati is-Sinjurina Vassallo, bint is-Surmast Paulin u li ma għandiex għad ħlief disa snin, sejjer isir f'it-22 ta' dana u il kliegħ imur għa't-tfal ta' S. Ġużepp ta' Ta's-Sliema. Meta naraŭ il programm nitchellmu aħjar.

★

Il-lejla f'it-Teatru "Matteŭ Callus" ta' Raħal Ġdid sejrin jatu id-dramm "Matteŭ Callus" u li fih sejrin jieħdu sehem is-Signa: Vittorina Spiteri u is-Sinjura Dolores Bianchi Fleri. Nixtiekilhom success cbir.

★

Billi ma irridx nakta il "Melodramm Malti" u il "Ġŭanna D'Arc" li bdejt icolli inħalli l-ura it-tŭiegib ta' ħafna mistoksijiet li saruli; iżda malli jispiċċaŭ daŭn impattu. Irrid ingħarrafcom ucoll li ma indumx ma nibda f'in-"Naħla" ħaġa li jieħu gost biha cullħadd sgur, igifieri l-Istorja ta' ħafna FAMILJI MALTIN, chemm ilhom f'Malta, in-nies cbar li ħarġu minnhom u ħafna ħŭejjeġ oħra ta' min icun jafhom. Mela bi ftit sabar niccuntentà lil cullħadd.

★

F'Ħal Lija, nhar l-Erbgħa sar delitt icreħ ħafna. Certu Ġanni Bonnici, "*Ta'l Ŭiddien*" daħal fuk Ġanna Borg u billi ma ŭasalx fejn ried biċċirha sa katilha. Hu kabeż f'il bir fejn għerek.

Dejjem il karrieka imħabba!

# Il Melodramm Malti.

## G. E. BONAVIA.

Dana il bniedem li Alla għoġbu jżejjnu b'moħħ tajjeb ħafna u li irnexxa f'il-lingūi chemm ucoll fl-arti; li ħass ġo kalbu imħabba kaūūija tħaġġeġ għal pajjisu u għal cull ħaġa sabiħa u gentili tūieled il Belt fl-1831.

Beda l-eūūel studji ta'l musica taħt Burlon ta'l Birgu; imbagħad mar f'il Conservatorju Reġju ta' Milan taħt Mazzuccato u Bazzini u ūara mar compla jistudja f'Berlin taħt l-imfaħħar Roeder.

Meta tgħallem seūūa il musica u gera ħafna minn pajjis għal ieħor ta'l Europa biex tħarreġ seūūa f'is-seba lingūi li chien jaf fuk ponot subgħajh, mar, fl-isbaħ ta' żgħużitu fl-Egittu li f'dac iż-żmien chienet l-art ta'l barca għalina il Maltin; u hemm beda joħroġ il gurnal "*The Egyptian Messenger*" u dana taħt it-triegija tiegħu mar tant il kuddiem li Bonavia f'kasir żmien m'hux biss sar ūieħed m'il actar nies stmati ta' hemm, iżda għakkad ucoll chemxa flus ġmielha li biha għix tajjeb sa'l aħħar ta' ħajtu.

Billi chif għedna chien jaf seba lingūi tajjeb il Kediv għażlu bħala interpreti tiegħu u billi chien bniedem ta' ħila cbira ucoll f'il politica bosta drabi giegħlu jakdieh f'xi praspura imħabbla.

Meta beda jicber ħass kaūūija l-imħabba ta' pajjisu tiġbdu lejna, u meta gie u ħa sehem f'il Cunsill cullħadd għadu jiftacar b'liema ħeġġa, b'liema ħila u b'liema onestà mexa f'il ftit snin li dam Cunsilier.

Fl-1890 ta' f'it-Teatru Rjal tagħna il "Ginevra di Monreale" tiegħu, fuk librett ta' Enricu Golisciani, u li intgħoġbot ħafna. Mar imbagħad Milan fejn raġa ta' l-opra sabiħa tiegħu; iżda billi Bonavia ma deherlux li għandu jiżra flus biex jonfoħ il klugħ lil dina l-opra tiegħu b'ir-reclam iżda riedha timxi b'riġlejha biss, ma tantx laktet bħal ma chien jistħokkilha.

Fl-1903 chiteb opra oħra "Rosmunda", f'erba atti, fuk librett sabiħ ta't-Tabib intelligenti Ruggieru Serge, li chien ūieħed m'il chittieba tajba li chellna b'it-taljan u b'il malti u li il chiefra mewt ħasditu kasir il għomor biex ħaditilna minn fostna ūieħed m'il aħjar nies ta' moħħ tajba li chellna. Serge chien ucoll spiżżjar m'il aħjar u chien hu l-ispiżżjar ta'l Isptar ta'l Furjana, u chien jaf tajjeb ħafna l-ingliż ucoll. Chellu kalbu t'anġlu u lommu ta'z-zoccor u katt ma ninsa chemm indum ħaj chemm għamel miegħi u ma' sħabi meta conna nieħdu il pratca ta' spiżżjari fl-Isptar miegħu. Biss chien ragel umli ħafna u għalhecc ħafna m'il ħuejjeġ sbiħ li chiteb bakgħu sejrin mitlufa taħt il pseudonimu iżda fl-*Asino* hemm xi poeżiji tant sbiħ tiegħu li ma jmisshom imutu katt.

Billi Bonavia miet ma laħakx temm ir-"Rosmunda" collha; iżda min sama il cuncerti ta' xi bċejjeċ minnha li saru f'id-dar ta' Bonavia stess, għarrafni li chien fiha musica sabiħa ūisk u li sgur biha chien iżejjen ismu b'gieħ li ma jmut katt.

Dana l-ispartit, chif għarrfuni, jinsab merfugħ għand bintu li tinsab imsiefra; u għalhecc nitma li xi darba tistampa xi bċejjeċ minnu ħalli issemmagħna xi ftit minn dic il musica tant ħelūa li chien tant jaf jicteb missierha.

Ma irridx ninsa insemmi il famusa Sinfonija tiegħu li saret fil Crystal Palace ta' Londra u li irnexxietlu ūisk u li tagħha kala it-tifħir ta'l aħjar nies li jifmhu f'il musica fl-Inghilterra.

Chiteb ucoll xi musica oħra għa's-sfin, xi romanzi għal cant u marċja funebri sabiħa ūisk, u għalhecc jixrak li ismu jibka jitfaccar lil min jigi ūarajna bħala dac ta' ūieħed m'in-nies li l-actar taū gieħ lil pajjishom.

# G'UANNA D'ARC

## CHEMM SŪIET HILA TA' XBEJBA.

Orleans, bħal ma għedna ftit ilu, chienet tinsab fi dūejjak l'iżjed cbar imdaūūra m'il Ingliżi, li chienu kiegħdin jagħmlu ħilithom collha biex iūakkgħuha taħt idejhom. Carlu, beda jakta kalbu li in-nies li chellu fiha ma jifilħux iżommu jiebes iżjed, u li sejjer jitlef ūaħda m'il akūa bliet ta's-saltna tiegħu.

Da'l ħsieb icreħ chiellu kalbu. Donnu ma chienx jaf fejn jibda jati rasu, li b'dac it-tbixchil u biża jecc taktagħħielu ma chienitx minnha toħroġ katra demm. Għalxejn in-nies ta' ma dūaru chienu chemm jistgħu jagħmlulu il kalb. għax chien fehimha seūūa li jecc l'Ingliżi jieħdulu illum da's-saba jaraū chif jagħmlu għada biex jaħtfulu l'id ucoll: igifieri rasu b'il bkija ta's-saltna b'collox. X'ħin chien imxiegħel f'd'ittaħbila ta' moħħ collha, għaddiet minn għala ūidnejh il biċċa ta'r-ragħajja ta' Domremy, u ūara ftit ġranet ūaslitlu l'aħbar ucoll, li b'ħafna nies magħha, chienet telket minn Vaucouleurs biex tmur titħaddet miegħu. Għal l-eūūel ma riedx jiblagħha chif gieb u laħak, iżda ūara li ūiżen ftit il biċċa, beda jemmen li il moħkrija cbira li chienet kiegħda hecc bl' aħrax taħkar lil Franza, messet kalb Alla il ħanin, u li għalhecc bagħat d'il mara biex jeħlishom m'il egħdeūūa biha. "Alla," nistħajlu kal bejnu u bejn ruħu, "m'hux l-eūūel darba li inkeda b'mara fi griefex bħal din," u minn għala moħħu għaddeū bħal leħħa ta' berka Ġudittà, Ester, Debora u tant nisa oħra kalbenija li b'il ħila tagħhom refgħu lil ġnushom minn xuxithom. Fl'24 ta' Frar ta'l 1429, Ġūanna, riecba, chif għedna. fuk żiemel m'il isbaħ, u bi tnejn m'il actar nies għonja ta'l belt, ma' genbha, u bi ktajja cbar ta' nies oħra ūarajha, daħlet fost l'agħjjat ta' ferħ, f'il belt ta' Chinon, fejn chien jinsab is-Sultan, ūara li chienet ilha gejja minn Vaucouleurs dakka ta' ħdax il jum.

Carlu ħejja ruħu biex jilkagħha; iżda kalbu chienet għada ittaktak jecc għandux m'il eūūel jati ūiden għal dac li tgħidlu jeū le. Rieda chiecu, kabel xejn, iġarrabha xi ftit, u dlonc gieħu f'rasu chif għandu jagħmel. Tafa fuku libsa bla ebda tiżūiek jeū tlellix, u ntasab fost il gheġūigija ta' cbarat li chellu. Is-sala ta's-Sultan chienet donnha genna b'dic iddeūūedija ta' dūal imeċmċu, u b'il leħħa ta'd-dhubijiet u'l fided li chien hemm kishom mormija cull fejn tmidd idejc, u li chienu igħammxu għajnejn cull min chien jirfes m'il għatba il geūūa ta' dac il loc.

Iżda b'dan collu Ġūanna malli middet rigilha hemm ġeū, gibdet għal fuk is-Sultan bla ma tfixclet xejn bħallichiecu ma chienx hemm ħliefu f'is-sala; u mfaūūra b'il mistħija inxteħtet għarcoptejha f'riġlejh u b'leħen chiebi, ma ħelu u sħiħ, kaltlu: "Nixtiek li Alla jcattarlec għomroc, u jxerred fukec, dejjem cull risk, ja Sultan maħbub tagħna. Jiena hi dic Ġūanna ir-Ragħajja li ninsab mibgħuta m'is-Sema biex neħles m'il egħdeūūa lilec u lil Saltnatec."

—"Jien, jaħasra, ma jieniex is-Sultan;" kabes kal minnufih Carlu, "nitolboc tagħdirni għax cun af ħadt ūieħed b'ieħor. Is-Sultan hu dac araħ?" u x'ħin kal hecc urigħa b' sebgħu ūieħed m'il cbarat tiegħu.

—"Is-Sultan naf f'is-sħiħ li hu int u ħadd għajrec," ūiegbitu bi ħleūūa li ma bħalha Ġūanna.

Carlu meta ra hecc inġabar ġo koxortu u ma għarafx x'jakbad igħidilha. X'ħin chiser għajnejh fuk il cbarat ta' ma' dūaru, sabhom collha mibluha fihom infushom u b'ħalkhom miftuħ għal għageb li kabadhom. U chellhom għaliex

billi sa l'ankas ŭieħed chien jaf li d'in-nakra ta' tfajla ragħajja katt ma chienet ħat is-Sultan kabel.

Carlu minnufih intebaħ li chien hemm l'id- t'Alla imdaħħla f'il biċċa. Gegħilha tkum m'il art, u hemeż lil ta' madŭaru biex jitŭarrbu u jħalluhom ftit ħin ŭieħidhom. Meta sab ruħu rasu u rasha biss, is-Sultan beda jagħmlilha xi mistoksijiet u jgħarbel seŭŭa il cliem li beda jislet minn fommha. Damu jitcheŭċnu biċċa ġmielha bejnietom, u is-Sultan meta spiċċaŭ dar fuk il cbarat tiegħu u kallhom: "Għajnejja nħossni gibthom ŭara ŭidnejja. D'ix-xbejba għarrfitni b'xi ħŭejjeġ hecc moħbija, li katt chiecu ma chienet tista issib tarfhom li ma għarrafomlhiex Alla in-nifsu. Tabilħakk, mela, li Ġŭanna hi maħtura m'is-Sema biex teħles lil Franza u lil saltnati m'il chiefra egħdeŭŭa li gegħluna nibcu da'l bichi ta' demm collu għal żmien hecc tŭil."

L'agħda, Ġŭanna dehret kuddiem cullħadd micsija minn fuk s'isfel bl'azzar. Il belt ġriet bi ħġarha biex taraha. Fuk dac iż-żiemel isŭed u ħafif daks it-tajr, b'dic il-libsa bajda bħa's-silġ li jicsi il kuċċata ta'l muntanji li iħażżmu pajjisha, cont tistħajjilha dac l'anġlu li bagħat Alla biex jati dakka t'id lil Ġuda Maccabeŭ f'it-takbidiet ħorox tiegħu. U meta il Franċiżi raŭha hecc fuk tagħha donnha berka, ŭiekfa fuk kaddha u għadha hecc żgħira minn sninha: b'dac il ŭiċċ taŭŭali u xakri f'leŭnu li jisirkec bi ġmielu, u mfaŭŭar kejsu pepprina b'il ŭardiet ta'l mistħija u bl-imħabba lejn art tŭielidha li chienet donnha trid tfur minn xfar għajnejha, u li cbar cbar u suŭed bħal ta'l ħamiema chienu jilmeŭ b'mod li m'hux cull ruħ chienet tifihimhom; u b'dac dlielha tŭil, tŭil u isŭed tuta li mxeblec, chien imeŭŭeġ sa nofs daharha, u fuk collox x'ħin laktet ŭidnejhom dic il chelma tagħha ta'z-zoccor u li jsaħħrec li chienet tinsilet m'il krolli fommha biex tkaŭŭilhom kalbhom u tfarrgilhom in-nichet li fih chienu jinsabu; iva, collha nfexxeŭ f'bichja ŭaħda ta' ferħ, u cbar u zgħar, cullħadd beda jistkarr u jgħid li dic tasseŭ chienet ix-Xbejba mibgħuta m'is-Sema biex tfittex teħlisom m'id-dŭejjak tagħhom.

Ġŭanna żammet magħhom taħdita ġmiela, u tchellmet hecc b'il ħrara u b'il ħleŭŭa li kanklet kalb cullħadd. Il għakda ta' cliemha chienet din. Ŭiegħdithom li is-Sultan chellu jcun incurunat fil belt ta' Rheims, fejn minn cŭl-iddinja chienu dejjem incurunati is-slaten collha ta' Franza. Ŭiddbet ħafna lil cbarat biex ma jatux ŭiden għal dac li timbixhom jagħmlu kalbhom, jecc għandom x'jaksmu ŭieħed ma'l-ieħor; iżda li jingħakdu għalenija biex ikaċċtu darba għal dejjem l'Ingliżi m'il artijiet tagħhom, u biex iż-żagħżuħ Sultan jarġa jibda jistgħalli is-setgħa li chellu kabel. Kalet lillohrajn ucoll biex ikiegħdu it-tama tagħhom f'Alla. Kaltilhom biex ikerru u jitnaddfu m'il coroħ ħtijiethom u li ma għandhomx għax jiġru iżjed ŭara il ħażen. "U jecc ma tħallux jittajru ma'ż-zifta li għaddejja daŭn it-tŭissijiet tiegħi," kaltilhom, "tcunu tistgħu callajrid, m'il ġdid tħaŭŭlu id-dŭieli u taħsdu il kmuħ tagħcom u tgħixu f'darcom b'dac il hena li fih contu tkattgħu ħajjitcom dari." Ilsienha chien ideŭŭeb il blat l-actar samm, u cliemha chien xrar ta' nar li chebbsilhom klubhom. Chellha f'fommha bħal magħmul li serak u xorob ir-rieda saħansitra ta'l iżjed jiebsin. Collha bdeŭ jinxteħtu f'riġlejha u jŭegħduha, fuk l-actar ħaġa għażiża li jistgħu jicsbu f'ŭiċċ din l-art, li għandhom jisimgħu minnha, li jbiddlu ħajjithom u li jridu m'hux biss, iżda għandhom mitt sena, biex iċarċru demmhom sa l-ankas katra biex jaraŭ li's-Sultan tagħhom joħroġ rebbieħ.

Mimlija b'dil ħila, mixgħula b'il ħrara, bħal sarbut iljuni telku uarajha biex jaħbtu għa's-sŭar li chienu bneŭ l-Ingliżi. Chien fihom għaxka, tabilħakk, tarahom. Ġŭanna chienet dejjem timxi kuddiem. Imdendla u iċċempel ma' kaddha chellha ix-xabla li chien igib Carlu Martellu meta chien jitkatel ma'l Għarab u'l Mori. Iżda chienet iġġibha għall għajnejn in-nies biss; għa'x Ġŭanna katt ma ċappsitha b'id-demm ta' l-ebda maħluk. Biex fdiet lil Franza, Ġŭanna katt ma neħħiet ħajjet ħadd. Biss f'ida chienet taħchem l'Orifjamma (*) bajda b'il giljuŭiet ta'd-deheb minsuġa f'in-nofs. Għajnejn cull minn chellha magħha chienu dejjem jibru u msammrin fukha, cull fejn tiċċaklak hi jitkanklu huma; cull fejn tmur hi jinxteħtu huma biex jeŭ joħorgu rebbieħa jeŭ jakgħu minxura bħala martri ta't-takbida.

Issa nħallicom ftit u xejn taħsbu x'ruħ baka fihom l' Ingliżi meta ŭasal f'ŭidnejhom dana collu. Collha daħlu f' koxrithom b'il biża; m'il-Ingħilterra ma riedux jiġu iżjed nies ta'ċ-ċorma, u daŭc li ftit żmien kabel chienu ħarġu rebbieħa fit-taktigħat ħorox ta' Crecy u ta' Agincourt, issa chienu jibdgħu jirtogħdu bħal xakk ta' kasba x'ħin jiġu ŭiċċ-imb'-ŭiċċ biex jieħduha ma'l Franċiżi. Safa f'ix-xejn li is-Sultan Dŭardu ta'l Inghilterra xerred ix-xniha li Ġŭanna chienet saħħara, u li cull ma tagħmel, għax għandha fiha il ta' barra minn haŭn seba ħarat bgħid; għaliex b'dakshecc il biża u it-taktiek ta' kalb ma nakas l-ebda xejn.

Chif conna kiegħdin ingħidu kabel, in-nies li chien hemm magħluka f'il belt ta' Orleans chienu jinsabu, l'imsejcna! fi dŭejjak ta'l meŭt. L'ichel nakashom sa l'ankas lokma, u għalchemm geŭŭsu u beżgħu għaliħ chemm felħu, ŭaslu f'irkakat li ma chienu jicsbu xejn li hu xejn biex jitrejjku. Imchissra u għajjiena mejta b'it-taħbit u il batticati li sicŭit chienu jieħdu, mifnija bla iche, bdiet tonkoshom il ħila. Cull tlugħ ta' xemx ma contx timaħ ma'l ħitan ta't-triekat jeŭ fl'irchejjen ta'd-djar ħlief nies imxeŭlhin mejta b'il ġuħ; u il mard beda ikill fukhom b'icreħ ucoll u iġorrhom għa'd-dinja l'oħra gozz gozz. Daŭc li fuk spallithom chienet mitfuha il ħacma ta'l belt tbixclu m'hux ftit, għax ma felħux jisimgħu iżjed min jitlobhom lokma ħobż niexfa biex itaffu il ġuħ kalil li chellhom u ma jakgħux mejtin f'riġlejhom. Cull fejn iddaŭŭar ŭiċċek ma tilmaħx ħlief in-nies donnhom cadavri maħruba minn kbarhom isusu u ixammemu l'hinn u l-haŭn biex jaraŭ x'isibu, x'jigħirfu ħalli jitrejjku. It-tfal, imbagħad, imkabbda ma' djul ommhom chienu igibulec ħleŭŭa cbira ta' kalb x'ħin tismagħhom jingħu u jixru għa'x bihom il ġuħ. X'kasma ta' kalb għal daŭc l-ommijiet! Meta ra hecc il Ħachem ta'l belt beda jati rcaptu biex ibiġġel il biċċa. Ra chif għamel u għadda ħarira lis-Sultan Carlu minn taħt il taħt, ħalli jatihom dakka t'id. Dan chien ilu kalbu teħbru għal d'il bxara mgħaŭŭġa, u għalhecc ħin bla ŭakt ra x'għandu jsir biex in-nies ta' Orleans icunu jistgħu iżommu in-nifs u ma jerħux il belt f'idejn l-egħdeŭŭa. Sejjaħ lil Ġŭanna u b'it-tŭila u'l kasira tarrfilha collox. Din ŭiegħditu li għandha tindaħal għal d'il praspura hi, u li għandha f'Orleans iddaħħal l'ichlijiet li chienu jinħtieġu. U chelmitha seħħet. F'id-29 t'April ħarget b'in-nies tagħha minn Chinon u kabdet ir-rotta lejn Orleans. Cuti cuti inxteħtu bħala lpup fuk l-Ingliżi, u bla ma ħallethom jistejknu m'il ħasda, bdeŭ jizculhom ġo kattushom b'chemm Alla tagħom saħħa u jonxruhom, għeriebel, ras fuk ras. Xi ftit minnhom lakgħu ruħhom ta' nies kalbienija tasseŭ; iżda billi il cotra chienet mit-

(*) L'Orifjamma chienet il bandiera li chienet iggib Franza, u li, chif jingħad, (akrau f'ir-*Reali di Francia*) intgħatat m'is-Sema lil'Eremita Sansun, u dan uelliha lil Fiovu bin Costantinu il Cbir u li biha rebaħ m'hux ftit taktigħat contra l-egħdeuua.

ruxa b'il biża, ħafna minnhom katgħu jieshom u ħttxeū il meūt huma stess; u oħrajn ta' kalb giefja, daūūru denbhom u ūarrbu rashom u b'chemm cheīlhom ħila taūha għal ħarba katta bla ħabel- Il būieb ta'l belt tberrħu fost tfakkigħ ta' idejn, tfiegħ ta' cpiepel fl'ajru, u agħjat ta' ferħ li jitterżentalec moħħoc. L'ichel gie mferrak chif imissu, u ūara li cullħadd indafar ġmielu u għamlu cuccanja minn cull ma gie taħt idejhom, marru ħarbtu is-sūar u dac li ħalleū urajhom l-Ingliżi; u minnhom ma ħalleūx ħaġra ūaħda biss fuk l'oħra. Tistgħu taħsbu intom issa jecc il Franciżi cattrux l'imħabba ta'l genn li chellhom lejn Ġūanna. Sal għacchiet tħanżħu biex telgħu fuk għatba, ħalli jaraū għaddejja minn bisūithom lil dic li ħelsithom, u it-tfal imriccbin fuk spallejn missierijiethom bdeū jiżżagħblu, ixejrulha bl-imcatar jeū brieret u jitfgħula beūs u ūard minn cull gens. Il belt chif iddur, dic inhar, ma chienitx ticūi ħlief bl-isem ta'r-Ragħaija ta' Domremy. Is-Sultan x'ħin ūaslitlu din l'aħbar ta' faraġ ħass kalbu trid ittir minn ġo sidru b'il ferħ li ġarrab. U chellu f'hiex u biex.

L'Ingliżi m'il banda l-oħra nfoscaū f'demmhom u tfettu m'hux ftit x'ħin raū li kiegħdin jakilgħu hecc bla ħniena fuk ūiċċhom. Il cburija tagħhom trażżnet, u rakkdulhom il għalla b'mod li ma chellhomx il ħila jerfgħu ūiċċhom m'il art, u għalhecc ma setgħux imissulhom iżjed id-debbli tagħhom. Chienu jixtieku l'art tinfetaħ u tiblagħhom meta jiftacru li ūara li chien għoddhom ħadu taħt idejhom Franza chif iddur, issa nakra ta' tfajla, bla ebda setgħa oħra ħlief li tgħid li giet mibgħuta mn'Alla, tgħerfxilhom il biċċa hecc bl'icreħ, u iġgigħel lil klubhom iħabbtu sitta sitta b'il biża. Ġūanna biex actar iżżidilhom il kantar u titfagħhom il baħar għal collox bagħtet tūiddibhom li ierħu cull ma ħadu taħt idejhom, u jinġabru b'il kalb it-tajba lejn pajjishom, għax inclelè iġgegħilhom jisimgħu b'id-dneūūa. L'Ingliżi siblu għal collox, u ħadd ma sata jsib tarf li jberridhom meta semgħu cliem bħal dan, u riedu dicmet jerġgħu jaħbtu għaliha, jagħmluha trietak u jisħkulha kalbha taħt riġlejhom; u ħalfu li ma l-eūūel darba li tiġi għa't-tir tagħhom għandhom jitħallsu kares minn gisimha ta' chemm imrar gegħlithom jixorbu.

F'il ftit jiem li damet f'Orleans, Ġuanna ma bakgħitx b'idejha f'kaddha, iżda chienet cull meta jidrilha toħroġ b'in-nies magħha u taħbat għal l-Ingliżi li chienu tgheddsu ftit mjel bogħod m'il belt; u chienet ta' cull ūaħda iżżid it-tħarbit u il ħsara fosthom. Daūn ma bakgħux bla ma għamlu ħilithom collha, iżda ma sūielhom xejn għax donnhom chienu kiegħdin iħabbtu rashom ma'l blat jeū jagħżku fl-ilma. Is-Sultan meta ra li beda jonfoħlu ir-rieħ f'il kala', stejken u biex actar jagħmel kalb lil Ġūanna u l'in-nies tagħha, bagħtilha ruxmata suldati oħra ġodda biex actar icollha x'tisserdek ma' l'Ingliżi. Meta daūn ūaslu f'Orleans Ġūanna ferħet bihom ūisk u ūaħħlitha f'rasha li b'ir-rifda ta' daūna għandha taħbat għall-Ingliżi u tkaċċathom il barra darba għal dejjem.

F'is-6 ta' Mejju (għalina ucoll il Maltin jum ta' min jisħtu! Iżda Alla ma jħallasx bin-nhar ta' Sibt) reġgħet bagħtet ūieħed biex iūiddibhom li jitilku minn jeddhom. Daūna raddeūlha il cliem jiebes b'ieħor agħar, u ūiegħbuha li ma jridux. Għal din it-tūiegiba ħarget u ħebbet għalihom. Iżda d'id-darba lill'Ingliżi sabithom imħejjija biex jilkgħuha sider b'sider, u saħnu għaliha hecc bl'icreħ, u ureū ħila hecc cbira, li in-nies ta' Ġūanna bdeū jitħabblu u jerġgħu l-ura. L'Ingliżi meta raū hecc, kaūūeū dlonc ħilthom u bdeū ichejlu b'chemm Alla tagħom fuk il Franciżi, li chien għoddhom għelbuhom għal collox. Ġūanna meta intebħet x'chien sejjer igħaddi minn għala' in-nies tagħha, f'loc li tilfet ħilitha, iżjed kaūūietha firdet f'chemm ilhi ngħidilcom ix-xmara fi dgħajsa, inxteħtet f'il carga ta't-takbida u bdiet tagħmel kalb lin-nies tagħha. Daūn x'ħin raūha ħadu ir-ruħ, u reġgħu bdeū jatu b'saħna hecc cbira li reġgħu telgħu minn fuk, u giegħlu lill-Ingliżi, midruba u mismuta, ifittxu nakra chenn ūara il ftit sūar li chien għad fadlilhom fuk riġlejhom. Ġūanna ma rieditx tħalli il kiegħa tibred, giegħlithom jibkgħu isusu urajhom biex ma tħallix biss ūidna minnhom. Chif ūaslu taħt is-sūar, biex tkaūūi il ħila ta's-suldati tagħha, ħatfet sellum, kiegħidtu ma'l ħajt u bdiet tielgħa bħal suffarell miegħu, x'ħin vlegġa li giet imvenvna minn fuk ix-xakliba ta's-sur, niżlet b'ħeffa u saħħa li ma bħalha u nifditilha spallitha. Ġūanna għatret għal ftit ħin taħt dac l-ugiegħ u bakgħet f'nofs triek; iżda meta rat li chelmitha riedet tcun biex tħaġġeġ klub in-nies tagħha, għamlet chemm felħet biex tagħleb l'ugiegħ li chienet kiegħda tħoss u reġgħet bdiet tielgħa ma's-sellum tgħajjat, bl'Orifjamma f'idha.

*(Jissocta).*

# SṬORJA TA'L PAPIET.

XIX.

## S. PONZJANU.

**Saltan għal ħames snin, xahrejn u jumejn. Laħak f'is-sena 233 u miet f'is-sena 238.**

Ruman, bin Calpurnju u laħak kabel u m'hux ūara S. Anteru. Saħħaħ il cant f'il cnejjes ta's-salmi. X'uħud igħidu li hu chien li daħħal il "*Confiteor*" f'il kuddiesa. M'il egħdeūūa ta'l Cnisja gie imtarraf f'il gżira Tavolato ħdejn Sardinja, u ūara li saūūtuh chemm felħu katgħulu rasu fi żmien l-aħrax Imperatur Massiminu. Gismu ūara gie miġjub Ruma m'il Papa Fabjanu u midfun f'iċ-Cimiterju ta' S. Callistu.

X'uħud ūara da'l Papa iridu jdaħħlu ieħor, S. Ciriacu; iżda scond l-aħjar għorrief dana ma saltan katt.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

MEJJU

17—1658. Ħareġ l-ordni biex jinbneū l-erbatax il torri fuk ix-xtut ta' Malta.

18—1565. Dehret fuk Malta il flotta torca ta'l Assedju il Cbir.

19—1784. Gie għand il Gran Mastru Ministru Russu.

20—1774. Giet icconsagrata il parroċċa ta'l Imkabba.

21—1747. Giet icconsagrata il Cnisja ta'l Mellieħa il kadima.

22—1736. Giet icconsagrata il parroċċa ta' Ħal Għargħur.

23—1803. Lord Melville għamel discors f'il Parlament Ingliż fuk il politica ta' Malta.

L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakŭaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il ħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-3 Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Min irid jixtri linca ta'l istampa, seŭda jeŭ ta'l culur ta' Lorilleux, b'irħis; u min irid jixtri torchju sabiħ ħafna bi prezz ħelu jicteb jeŭ jitchellem ma'd-Direttur ta'n-"Naħla" u jiftihem sgur.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu chemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min irid jixtri id-drapp biss ibegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ifiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fuknom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiħ fl-ispiżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

Ippruvaŭh gid jagħmlilcom sgur.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?

Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Għand is-Sur Guże Mallia, ta'Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegħ xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irġiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

**GHA'N = NERVUSI !**

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

NEVRASTENIJA

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

**L-ANTINEVROTICU**

TA'L

**PROF: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min irid jixtri

# CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra

# BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

# C. CAMILLERI & SONS

TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn isir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**